# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 10 ta' Dicembru 2015

Rikors Guramentat Nru. 237 / 14RGM

Kawza fil-lista: 21

**L-Avukat Sabrina Micallef fil-kwailta' taghha**
**ta' mandatarja specjali ta' l-imsiefra A B C**
**vs**
**D E C**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**
Rat ir-rikors guramentat, ipprezentat mill-attrici fit-22 t'Ottubru 2014, li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sittax (16) ta' April 2011;

2. Illi r-ragel ippropona lil esponenti sitt xhur wara li dawn bdew johorgu flimkien u minhabba l-infatwazzjoni li kellhom lejn xulxin il-partijiet dahlu f'kuntratt ta' zwieg sena wara li saru jafu lil xulxin;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet jew id-dmirijiet essenzjali taghha;

4. Illi l-kunsens da parti tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien ivvizjat peress li inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att ta' zwieg;

5. Illi l-attrici thoss illi ma kienux preparati ghall-obbligi u ghad-dmirijiet li jgib mieghu kuntratt ta' zwieg u dan ghas-segwenti ragunijiet;

i) li l-partijiet kellhom nuqqas ta' konsapevolezza dwar il-kwalitajiet rispettivi ta' xulxin u dan il-fattur inholoq ghaliex kienu ilhom jafu lil xulxin ghal madwar sena biss, qabel ma dahlu fi zwieg, u ghalhekk l-esponenti thoss illi fil-verita', f'dak iz-zmien qasir illi kienu jiffrekwentaw lil xulxin, qatt ma kienu konxji tal-pass illi kienu ser jiehdu flimkien;

ii) li l-partijiet m'gharfux ir-responsabbilitajiet li kellu jgib mieghu l-att ta' zwieg fejn per ezempju li l-partijiet ghandhom jmantnu u jsostnu lil xulxin; u

iii) li l-partijiet kienu mmaturi fid-decizjoni taghhom li jidhlu fi zwieg u dan ghaliex kienu ghadhom taht infatwazzjoni ta' mhabba ghamja lejn xulxin minghajr ma hadu konsiderazzjoni tal-konsegwenzi ta' ghemilhom;

u ghalhekk il-kunsens tal-partijiet jew ta' xi wahda mill-partijiet kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u minn nuqqas ta' setghat ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

6. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, iz-zwieg tal-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

7. Illi l-esponenti nomine tiddikjara illi dawn huma l-fatti kif esposti mill-mandanti taghha;

Talbet lil Qorti sabiex:

i) Tannulla u thassar u tirrexxindi u tiddikjara null u invalidu fil-ligi z-zwieg tas-16 ta' April 2011 ta' bejn il-partijiet ghar-ragunijiet elenkati fis-subincizi (d) u (f) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghar-ragunijiet elenkati f'wiehed jew iktar mill-istess sub-inicizi ta' l-istess artikolu tal-ligi; u

ii. Tordna li jigu ezegwiti l-formalitajiet mehtiega konsegwenzjalment ghad-dikjarazzjoni moghtija ghat-thassir u annullament taz-zwieg imsemmi.

Il-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici u l-elenku tad-dokumenti;

Rat in-nota tal-attrici[1] li permezz taghha ddikjarat li ma gewx intavolati proceduri quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku;

Rat in-nota tal-intimat[2] li ddikjara li jaqbel mat-talbiet attrici u mhux ser jopponi ghalihom;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Provi**
Mill-provi jirrizulta illi l-partijiet wara li ltaqghu u kkoabitaw ghal xi sitt xhur gewwa l-Isvezja, iddecidew li jigu joqghodu u jizzewgu Malta. Circa sentejn wara z-zwieg, telqu minn Malta u marru jghixu Curacao peress li s-socjeta' li kienet tahdem maghha l-attrici giet rilokata hemmhekk.

Il-hajja f'Curacao kellha effett negattiv fuq ir-relazzjoni matrimonjali tal-partijiet, peress li waqt li l-attrici kienet aljenata tahdem, l-intimat baqa' ma sabx xoghol, beda jiddejjaq u jiffrustra ruhu u f'dawn ic-cirkostanzi beda jinqala' hafna disgwid u argumenti sakemm wara sena ddecidew li jibdew jghixu separatament minn xulxin u l-intimat irritorna f'pajjizu fi Sweden. Sitt xhur wara rrealizaw li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet mietet ghal kollox u tlett xhur wara l-attrici fethet proceduri sabiex jigi annullat iz-zwieg ta' bejniethom. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

***Verzjoni attrici***
L-attrici xehdet bil-mezz ta' affidavit bil-lingwa Ingliza u tghid li ltaqghet mal-konvenut fl-Isvezja fil-Milied 2009. Dak iz-zmien kienet tahdem Franza u wara ftit gimghat fi Frar 2010 '*I returned to Sweden to be with E and moved in with E'.* L-Isvezja kienu jikkoabitaw u *'all this was new and exciting to us.'*, u wara ftit xhur f'Awwissu 2010 il-konvenut *'proposed and we got engaged.'* Fi ftit xhur iddecidew li jirrilokaw ruhhom Malta u hawnhekk *'the relationship was running smooth during the engagement period considering all the new things that were happening (finding a place to live, a place to work, planning the wedding, exploring the island.'*

[1] a folio 10
[2] a folio 17

Fis-16 ta' April 2011, wara li kienu ilhom jghixu flimkien ghal aktar minn sena zzewgu u *'after which we lived in the honeymoon period which lasted a good few months after the wedding.'*

L-attrici tghid li kienu jghixu independentement minn xulxin, bi hbieb u postijiet ta' divertiment differenti u qatt ma ndahhlu fil-hajja ta' xulxin. Il-fatt li f'din il-hajja *'leading different lives and never sharing time, or 'made the effort to be one as a couple'* qatt ma ggieldu, gieghel l-attrici thoss li r-relazzjoni kienet aktar wahda ta' hbiberija milli wahda ta' mizzewwgin jew mahbubin, u ukoll *'We never considered having children and never actually spoke about the future for that matter.'*

Meta trasferew ruhhom f'Curacao, sena u disgha xhur wara iz-zwieg, ic-cirkostanzi tbidlu u l-fatt li l-intimat ma kienx jahdem - *'was the down fall of our relationship............. We started having disagreements on everything; whom to meet, where to go, what to do all day, how to spend money etc.'* Wara sena u tlett xhur, l-intimat iddecieda li jirritorna l-Isvezja allavolja l-attrici ghazlet li tibqa' tghix f'Curacao u xi xhur wara ddecidew li *'we didn't have a relationship anymore and that we didn't want one.'*

L-attrici tispjega li l-hajja mizzewga, waqt li kienu jghixu l-Curacao kienet wahda difficli peress li hi kienet tahdem u tistudja u l-intimat kien ikun wahdu d-dar; id-disgwid ta' bejniethom inqala' peress li ghalkemm *' we never had anything in common we were doing fine, that is, until we kept ourselves occupied in leading our separate lives. The moment we had to do things as a couple, the moment we started spending more time together socially and depending on each other financially we could not see eye to eye.'*

Il-falliment taz-zwieg taghhom tispjegah li gara minhabba li kienu differenti u *'never planned a future together and when push came to shove, it was all unfamiliar and we felt estranged from each other. We wanted separate things and did not want our partner holding us down and the only way to move on was to terminate the relationship and eventually the marriage, which at that point was only a status in reality...................We were not prepared for the commitment we were making towards one another because what we had in mind was far from what a marriage entails and the obligations and duties that fuel a marriage. We however only realised this three years into the marriage, that is, when decisions and sacrifices involving the both of us had to be made and which we were not prepared to do.'*

Tispjega illi '*During this time they never had any arguments or fought, that is why I believe that we lived like friends rather than like spouses or lovers. We never considered having children and never actually spoke the future for that matter*.'

Wara z-zwieg irrealizzat illi meta marret tikkoabita mal-konvenut '*one and a half months after they met 'was very immature.....and during that time we were living in different countries and living different lives all along using mostly the internet facilities to communicate.'*

Matul dan iz-zmien l-attrici tghid li *'we always cared for each other like friends but we have also been very independent from each other.'*

**Il-konvenut** permezz tal-affidavit tieghu[3] ikkonferma dak kollu li ntqal mill-attrici u ddikjara li m'ghandux xi jzied. Qal li '*I also agree both with her request for the annulment of our marriage as well as with the grounds on which she is asking for said annulment.'*

**L-Azzjoni**

Permezz tal-kawza minnha ntavolata l-attrici qed jitlob li z-zwieg taghha minn mal-konvenut jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi ghaliex skont l-attrici il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u minn nuqqas ta' setghat ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg; jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (d) u ghaliex il-kunsens kien inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed jew izjed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (f) tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar iz-Zwieg. Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenut ma ikkontestax din it-talba u qabel illi t-talba ghall-annullament taz-zwieg ghandha tigi akkolta.

**Konsiderazjonijiet tal-Qorti.**

Il-Gurisprudenza nostrana kostantement qieset l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji misthoqq. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma izzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn **provi konvincenti** li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost bil-ligi.

Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**Anna Tonna vs. Alexander Tonna"** deciza fis-6 ta' Novembru 1991:- *"F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-**Qorti ma***

[3] konvenut a folio 21

***tistax tħalli nies li kappriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu*** *jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor.'*

*Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."*

F'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** (27 ta' Jannar, 2006) jinghad hekk:- *"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe' li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta'* ***kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti*** *ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Fuq it-tema tal-validita' ta' kunsens moghti issir referenza ghal decizzjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Lawrence Attard vs George Attard"** deciza fit-30 ta' Gunju 2011 fejn gie dikjarat illi: *"Il-kapacita' hija r-regola; l-inkapacita' l-eccezzjoni…………Biex persuna tkun kapaci ma hemmx bzonn li jkun pefettament u rigorozament san minn mohhu; bizzejjed l-uzu tar-raguni li tippermetti li jkun jaf x'inhu jaghmel."*

*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett……….Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament". (Qorti tal-Apell -* ***"Carmel Farruiga vs Pauline Farrugia" - 28 ta' Lulju 1987)***

Ikkunsidrat;

Il-provvedimenti legali li fuqhom hija msejsa l-kawza odjerna huma s-segwenti:-

**Artikolu 19 (1) tal-Kap 255**:

*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*- omissis –*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

- *omissis* –

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.*

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.
Fl-ewwel lok ghandu jinghad illi kif diversi drabi ddikjarat mill-Qrati taghna, kawza dwar annullament ta' zwieg imsejsa fuq is-sub-inciz (1) (f) u fl-istess imsejsa fuq is-sub-inciz (1) (d) tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm ma jidhirx li tali kontradizzjoni twassal ghan-nullita' tal-att, pero min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flinkien immankabilment idghajfu lil xulxin.

Dwar l-inkompatibilita’ bejn dawn iz-zewg sub-incizi intqal hekk fis-sentenza “**Kenneth Cefai vs Louise Cefai” (Appell – 11 ta’ Novembru 2011):-** “Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax, teknikament, treggi.

Fil-kawza **George Baldacchino v. Duan Yingchun,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta’ Dicembru 2010, kien intqal hekk fir-rigward:- “*It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage.”*

Fuq l-istess linja ta’ hsieb hi s-sentenza **Zammit v. Zammit**, Prim' Awla deciza fis-27 ta' Jannar 2006:- “*Rigward id-dispozizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi, biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument ta’ lghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali talhajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b’att pozittiv tal-volonta` ta’ dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispozizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta’ simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li*

*nullita` ta' zwieg bazata fuq il-kawzali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita` ta' zwieg minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. L-inkomplattibbilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni,totali jew parzjali."*

Issir ukoll referenza ghas-sentenza **Arqueros Yvonne v. Arqueros Moreno Luis Emilio**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju, 2010 i:- "*L-attrici ma apprezzatx, pero`, li l-kawzali li resqet bhala bazi ghat-talba taghha huma kontradittorji. Jekk, kif qed tallega, il-partijiet ma kellhomx diskrezzjoni biex jgharfu x'inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg, ma jistax jinghad, fl-istess nifs, li huma kienu maturi bizzejjed tant li uzaw id-diskrezzjoni taghhom biex, b'att pozittiv, jeskludu z-zwieg innifsu jew xi elementi tieghu. Din il-kontradizzjoni apparenti fit-tezi tal-attrici ddghajjef mhux ftit it-tezi taghha, ghax bl-argumenti taghha favur dawn izzewg kawzali qed twaqqa' l-argumenti kollha taghha stess. Hi, fil-fatt, tghid li hi u zewgha, b'att pozittiv u b'impenn tal-volonta`, eskludew z-zwieg u l-elementi tieghu, u dan ifisser, ovvjament li huma gharfu x'inhuma dawn l-elementi u riedu jwarbuhom. Fl-istess hin, tghid li fil-mument li fih huma kkuntrattaw iz-zwieg ma kellhomx apprezzament sufficjenti tal-portata tal-kuntratt ta' zwieg! Din il-Qorti tista' tieqaf hawn fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz, ghax l-argumenti taghha stess, l-attrici waqghet kull argument favur l-applikazzjoni ta' wahda jew l-ohra mill-kawzali."*

Il-Qorti ser titratta, kif qed taghmel, iz-zewg kawzali naturalment fl-isfond tal-gurisprudenza nostrana fir-rigward ta' kawzali kontradittorji bhal fil-kaz odjern. Il-Qorti ma rriskontra xejn li jipprova illi fil-mument tal-kunsens taz-zwieg l-attrici jew il-konvenut kienu qed jeskludu iz-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif qed tallega l-attrici. Ghall-kuntrarju jirrizulta li iz-zewg partijiet hasbu sew dwar dak li riedu jaghmlu - kien ilhom jikkoabitaw ghal circa sena qabel ma izzewwgu u bhala mizzewwgin damu sentejn jghixu kuntenti - *'we lived in the honeymoon period which lasted a good few months after the wedding.'* - f'dan il-perjodu ma kien hemm l-ebda eskluzzjoni la taz-zwieg u lanqas ta' xi element necessarju taz-zwieg.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-avukat mandatarju tal-attrici tissottometti illi *'fil-kultura tal-partijiet ir-rabta taz-zwieg hija ferm inqas oneruza milli f'Malta u dan billi l-procedura tad-divorzju ilha tezisti f'pajjizhom diversi generazzjonijiet u tikkomporta ferm inqas trapass ta' zmien milli tipprevedi l-ligi Maltija; iz-zwieg f'pajjizhom huwa rabta li tista' facilment tinhall u ghalhekk l-element ta'*

*permanenza fiz-zwieg ma tiffigurax fil-kultura Zvediza u hawnhekk wiehed jifhem iktar kif din il-koppja wasslet biex tizzewweg hekk facilment.'*[4]

Fuq dan tigi ikkwotata is-sentenza "**Al Chahid vs Mary Spiteri**" (Prima' Awla - 5 ta' Gunju 2002) fejn inghad li *"wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Dan is-sub inciz qed jirreferi ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn wiehed ma jkollux intenzjoni li jizzwewweg sabiex jghix hajja konjugali izda jkun qed jersaq ghac-celebrazzjoniji taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri u ghalkemm l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet tghid li kien hemm ghan ulterjuri dan ma sar l-ebda riferenza ghalih fil-provi. Il-partijiet izzewgu ghaliex xtaqu jkunu flimkien u mill-provi ma rrizulta li kien jezisti l-ebda ghan ulterjuri. Dan iz-zwieg falla minhabba c-cirkostanzi posterjuri ghac-celebrazzjoni taz-zwieg.

Ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti it-talba attrici msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 ma tirrizultax ippruvata u ghalhekk qed tigi respinta.

*Fir-rigward tas-sub-inciz (1) (d) tal-Artikolu li jipprovdi li zwieg huwa null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

Ikkunsidrat;

Sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi abbazi ta' dan s-sub-inciz trid qabel xejn issir il-prova li l-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Gie diversi drabi ritenut li d-decizjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi tfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta.

Ghalhekk huwa imperativ li dwar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili.

---

[4] Nota ta' sottomissjonijiet attrici a folio 22

**Fl-Ewwel ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

Proprju fl-ewwel artikolu ta' dan il-Kodici, intitolat **."Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin"** jinghad hekk:

2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.

(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

3. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiejiet tal-familja.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.* ***Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.(emfasi ta' din il-Qorti.)*** *Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkacapita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." (***Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri**"* P.A., 10 ta' Novembru 1995)

Il-Gurisprudenza nostrana fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hi fis-sens illi mhux kwalunkwe stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku jwassal ghall-annullament taz-zwieg. Ghalhekk wiehed irid

jistaqsi: kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet li jirrendi l-kunsens moghti invalidu ghall-finijiet tal-ligi?

Fis-sentenza **"Mario Mizzi vs Maris Mizzi"** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005 jinghad li:- *"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament* ***(jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun)*** *fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*

Imbaghad fis-sentenza "**Atkins Charles Vs Atkins Matilde"** (P.A. 2ta' Ottubru 2003) inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan is-sub-inciz u l-prova mehtiega sabiex azzjoni imsejsa fuqu tirnexxi:- *"Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonajali taghhom.'*

Ikkunsidrat;

F'dan il-kaz jirrizulta illi effettivament il-konflitti, li eventwalment kissru iz-zwieg, kellhom il-bidu taghhom sentejn wara z-zwieg, meta kienu jghixu f'Curacao u dan peress li l-konvenut kien ikun frustrat u mdejjaq ghax ma sabx jahdem. Il-fatt li ma kellhom xejn in komun, li kienu jghixu differenti u ndipendenti minn xulxin, bi hbieb differenti, jissocjalizaw f'positijiet differenti, indipendentement, minghajr ma jiggieldu u minghajr ma jaqsmu hajjithom ma jfissirx li l-kunsens inghata minghajr riflessjoni jew valutazzjoni - ir-relazzjoni matrimonjali kienet ghada qieghda tistabilixxi ruhha f'dak il-perjodu li kienu flimkien - '*we always cared for each other like friends but we have also been very independent from each other.'* Mill-fatti li graw sentejn wara iz-zwieg ma jirrizulatax li xi parti kienet priva b'mod sostanzjali, jew gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg - kien il-kambjament ta' l-ambjent li ikkawza id-disgwid ta' bejniethom.

Kien biss wara tlett snin mizzewgin li beda jigi allegat li d-decizjoni kienet zbaljata - imma decizjoni zbaljata jew decizjoni minghajr riflessjoni jew hsieb ma tirrendiex il-kunsens vizzjuz ghax sar b'nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Il-fatt

li l-intimat ma sabx xoghol f'Curacao kien li kkontribwixxa ghall-falliment taz-zwieg u dan appuntu kif tghid l-attrici ghax gew zminijiet koroh meta '*E had to look for a new job once we got to Curacao and in fact never found a job and for more than a year he was not working, which eventually was the down fall of our relationship.'*

Il-fatt li z-zwieg tal-partijiet tkisser tlett snin wara li gie celebrat mhux raguni sufficjenti ghal dikjarazzjoni ta' nullita'. Ma ngabux provi sodisfacenti li jwasslu ghal dak il-konvinciment necessarju ghal decizzjoni ta' nullita' ta' zwieg. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi kemm l-attrici u kemm il-konvenut taw kunsens validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi meta resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg u ghaldaqstant it-tabliet attrici imsejsa fuq is-sub inciz (d) jew (f) tal-artikolu 19 (1) tal Kap 255 ma jreggux.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet kollha tal-attrici.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**